MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 655/2012

**Ab**

**Vs**

**Cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi huwa zzewweg lill-intimata CD fil-Knisja ta’ Maria Regina fil-Marsa nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) – Certifikat taz-Zwieg hawn anness (Dokument ‘A’) ;

Illi l-partijiet kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejniethom u affettwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppublikat fis-sebgha (7) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u

erbgha (2004) minn Nutar Ritienne Bugeja Fenech skond kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'B' ;

Illi l-partijet ma kellhomx tfal u il-possiblita' ta' rikonciljazzjoni tar-rikorrent ma martu llum hija impossibbli ghal bosta ragunijiet fosthom li issa ilhom ma jghixu flimkien ghal dawan l-ahhar tmien (8) snin skorruti ;

Illi l-esponent kienu iddekadew mid-dritt li jitolbu il-manteniment lil xulxin skond il-premessa numru sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali surreferit ;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal bosta snin kif fuq spjegat, b'mod li r-rekwiziti tal-Artikolu 66(B) (a) tal-Kodici Civili (Kapitolu XV 1 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, stante li ilhom separati 'de jure' mill-inqas tmien (8) snin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghax-xoljiment taz-zwieg u sabiex jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma Simone Zahra huwa mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista' jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument 'A';

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2013;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Ottubru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------